

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0069/07

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Sergio Berlato, Janusz Wojciechowski, Gintaras Didžiokas u Liam Aylward f'isem il-Grupp UEN  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Żidiet sinifikanti fil-prezzijiet ta' l-ikel, u l-protezzjoni tal-konsumatur

Reċentament ġew osservati żidiet sinifikanti fl-Unjoni Ewropea fil-prezzijiet ta' prodotti bażiċi ta' l-ikel b'mod speċjali fl-Istati Membri l-ġodda.

Fil-Polonja, pereżempju, il-prezz tal-ħobż f'dawn l-aħħar sentejn żdied bi 15%, il-prezz tat-tuffieħ bi 83%, il-patata bi 33% u l-prezz tal-ħalib kważi rdoppja.

Fl-Italja, l-Irlanda u l-Litwanja, il-prezz taċ-ċereali, tal-ħalib, u tal-frott u l-ħxejjex kważi rdoppja.

Fl-istess ħin, il-politika ta' l-UE hija li tiġi limitata l-produzzjoni agrikola u din il-politika tidher li qed tmur kontra l-ħtiġijiet tal-konsumaturi.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha intenzjoni li tivverifika il-politika amministrattiva tagħha biex tiġi limitata l-produzzjoni agrikola fl-UE?

Imressqa: 16.10.2007

Mibgħuta: 18.10.2007

Skadenza: 25.10.2007